## Qorti tal-Appell Kriminali

## Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tad-19 ta' Novembru 2015

Appell Nru: 437/2014

**Il-Pulizja**

**Spettur Jurgen Vella**

**Vs**

**Mario Frendo**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Mario Frendo, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 0577354M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bhala persuna registrata mad-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Stt, fit-30 ta' Awwissu, 2013, gewwa Sphinx Pastizzerija, 16, Rotunda Square, Mosta, jew hu jew xi impjegat tieghu u/jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, naqas li jghati jew jipproduci ricevuti fiskali permezz ta' cash register fiskali jew kotba ta' ricevuti fiskali manwali, li jikkonforma mal-htigijiet specifikati

fil-partita 13 tat-Tlettax il-Skeda li tinsab mal-Att ta' 1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal-dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51, 77 (a) u (e), 81 u 82(2) tal- Att Nru. XXIII tal-1998.

U aktar talli fl-istess zmien u fl-istess post, naqas, jew hu jew impjegat tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jghati jew jipproduci ricevuta fiskali fl-ghamla li tigi pprovduta mid-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal- partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax il-Skeda li tinsab mal-Att ta' 1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51, 77 (a) u (e) u 82(2) tal- Att Nru. XXIII tal-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-22 ta' Ottubru, 2014, dik a fol 16 sa 17 tal-process, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 51 u 77(a)(e) u l-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax il-Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' disa' mitt ewro (€900) u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza peress illi kienet wahda alternattiva;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mario Frendo, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Novembru, 2014, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tehles lill-appellant minn kull imputazzjoni u piena sabiex b'hekk issir gustizzja skond il-ligi, u alternattivament li din l-Onorabbli Qorti ma takkoljix l-aggravji, timmodifika u tvarja l-istess in kwantu ghal-piena stante li din fic-cirkostanzi hija eccessiva;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat illi l-aggravji tal-appellant jistghu essenzjalment jitqiesu bhala wiehed u sintetizzati fl-ilment li l-Ewwel Qorti qatt ma setghet ssib htija fl-imputat tenut konflitt fil-provi;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi quddiem din il-Qorti xehed ir-rapprezentant tad-Direttur tad-Dipartiment tal-VAT li kkonferma sew t-talba tad-Direttur sabiex jittiehdu proceduri kontra l-appellant kif ukoll d-dokumenti esebiti quddiem l-Ewwel Qorti li juru li l-l-appellant huwa l-persuna registrata mad-Dipartiment ghal fini tal-Att XXIII tal-1998. Xehedu ukoll Spettur tad-Dipartiment tal-VAT li qal li flimkien ma' kollega tieghu kienu faccata tal-hanut tal-appellant qed josservaw bejgh ta' pastizzi u affarijiet simili mill-istess hanut u innutaw li ma kienux qed jinhargu ricevuti ghal dan il-bejgh, waqqfu persuna li kienet ghadha kemm xtrat oggett minn hemm biex jassiguraw li ma kienitx inghataw ricevuta u ghalhekk talbu lill-imputat sabiex johrog ricevuta ta' dak il-bejgh. Dan ix-xhud ma jiftakarx x'kien l-oggett li nxtara u li tieghu ma inhargitx ricevuta u anqas jekk il-borza li fiha kien l-oggett kienitx tal-hanut in kwistjoni. L-appellant xehed illi dak il-hin kien qed jaqdi mal-hames minn nies fil-hanut tieghu u johrog ir-ricevuti regolarment u malli qeda lit-tielet persuna l-ispetturi tal-VAT qalulu li qabez wahda, riferibilment ghal-ricevuta u talabhom igibu lil din il-persuna li qalet li ma inghatatx ricevuta izda

minkejja l-insistenza tieghu l-ispetturi baqghu ma indikaw min kienet dik il-persuna. Fi kliem l-appellant, huwa kien imgieghel johrog ricevuta ta' *meat pie* ghax kellu n-nies fil-hanut u ried jehles mill-kwistjoni;

Quddiem l-Ewwel Qorti xehed ukoll spettur iehor izda quddiem din il-Qorti l-prosekuzzjoni ressqet biss wiehed mill-ispetturi u ghalhekk l-apprezzament huwa bazat fuq il-verzjoni tal-ispettur u dik kontrarja tal-imputat appellant;

Qabel kull konsiderazzjoni ohra izda, tajjeb li jkun ribadit dak kostantament ritenut mill-Qrati taghna, illi din il-Qorti, bhala Qorti ta' Appell Kriminali ma tiddistrubax l-apprezament u l-konkluzzjoni dwar fatti raggunti mill-Ewwel Qorti hlief jekk tkun konvinta li dik l-ewwel qorti ma setghetx, fuq il-provi li kellha quddiemha, ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha (ara in rigward, fost skorta ta' setnenzi ohra **Il-Pulizija vs Simon Paris App. Krim., 15.7.1996**). Principju daqstant iehor importanti regolanti l-appell in mertu hu dak "*mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzat. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9 u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmu jew ma temmnux*" (**ara Pulizija vs Joseph Thorne App. Krim., 9.0703** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et Qrt. Krim 19.10.2006** fost diversi ohrjan);

Applikati dawn il-prinicpji ghal kaz odjern kif ukoll id-dispost tal-artikolu 638 tal-Kap 9, isegwi illi mill-provi akkwiziti hemm elementi li fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellant kellu jkun emnut meta offra d-deposizzjoni tieghu. L-Ispettur li ddepona quddiem din il-Qorti xehed illi hu u l-kollega tieghu kienu ilhom josservaw bejgh li qed isir minn dan il-hanut, mill-appellant, minghajr ma johrog ricevuti. Gia f'dan l-istadju temergi d-domanda ghaliex hallew dak

il-bejgh kollu jghaddi b'impunita biex imbaghad quddiem din il-Qorti xehed fatt bhal donnu biex li l-imputat ghandu jinstab hati ghaliex kien ilu jaghmel hekk. Dan mhux qed jinghad sabiex b'xi mod ittellef mill-integrita' tax-xhieda tal-prosekuzzjoni izda sabiex ikun puntwalizzat illi ghalkemm huwa komprensibbli li l-ispetturi ta' dan id-dipartiment ikunu involuti f'diversi kazijiet fuq bazi regolari matul il-gurnata, id-dettall minn naha taghhom jehtieg li jkun preciz sal punt ta' konvinciement. Dan qed jinghad ukoll ghaliex quddiem din il-Qorti, l-ispettur xehed li kienu ilhom josservaw bejgh bla ricevuti minn faccata tal-hanut izda minkejja dan ma waqqfu lil hadd hlief klijent jew klijenta wahda. Issa fir-rapport tieghu Spot-Check Inspection Sheet fit-tieni pagna tieghu (fol 7 tal-process) jemergi illi l-klijent/a kienet akkompanjat lill-ispetturi lura fil-hanut. Dan qatt ma ssemma mill-ispettur fix-xhieda tieghu u l-appellant stess xehed illi talab lill-ispetturi diversi drabi sabiex igibu lil dik il-persuna quddiemu sabiex ikun jaf ghal min kienu qed jirreferu. Minkejja dan, l-ispetturi baqghu jinsistu li johrog ricevuta ta' *meat pie* u hekk ghamel sabiex ikun jista' jkompli bl-attivita' tieghu. L-ispetturi ma hadux notament tal-persuna li xtrat l-oggett li wara kollox anqas jiftakru x'kien hlief li kien *food item* .

Issa jokkorri li dan ikun ezaminat fil-kuntest tas-sentenza tal-Ewwel Qorti. Dwar dan, izda jehtieg li ssir osservazzjoni ta' importanza ghaliex is-sentenza tal-Ewwel Qorti ffirmata mill-Magistrat tghid hekk: "Il-Qorti; Rat l-imputazzjoni; Rat id-dokumenti; Semghet il-provi; Rat l-artikoli indikati; 1. Tirrizulta hati multa €900; 2 Alternattiva tastjeni. Firmata u datata 22.10.14". A fol 16 sa 18, izda, hemm sentenza ohra taht il-firma tal-istess Magistrat li takkludi konsiderazzjonijiet mhux mghamula fl-ewwel sentenza. Dak li hemm fuq ic-citazzjoni hija sentenza skond il-ligi iffirmata mill-Magistrat u ma tistghax titqies bhala *Magistrate's Notes.* Frankament din il-Qorti ma tistax tifhem kif is-sentenza dattilografata takkludi konsiderazzjonijiet li ma kienux parti mis-sentenza li tidher fuq ic-citazzjoni. Anqas ma tista' din il-Qorti

tifhem il-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti fis-sentenza dattilografata meta tghid: *"… u tenut kont tal-fatt li l-ircevuta [recte. ir-ricevuta] u l- X reading hargu immedjatament wara xulxin kien hemm biss tletin sekonda bejnithom), u dan fil-kuntest tal-provi kollha prodotti, il-Qorti hija konvinta li, minkejja il-kunflitt fil-verzjoni moghtija mill-ispetturi min-naha u mill-imputat min-naha l-ohra, hija ghandha taghti kredibilita' lill-ispetturi".* Jidher illi l-argument dwar l-X-reading kien il-punt decisiv ghall-Ewwel Qorti biex ghazlet verzjoni minn ohra. Issa ghalkemm l-Ewwel Qorti kellha quddiemha l-verzjoni ta' zewg spetturi kontra dik tal-imputat, quddiem din il-Qorti ddepona biss spettur wiehed u mill-kuntrast tal-verzjonijiet, flimkien mar-ragunijiet appena elenkati, din il-Qorti ma hi konvinta xejn li l-prosekuzzjoni pruvat il-kaz taghha fil-grad li trid il-ligi.

Ghal dawn il-motivi, qeghda tilqa' l-appell u bhala konsegwenza qed thassar u tirrevoka is-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u htija.